MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 247/2014

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresetanza tas-socjeta’ estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Justin Abdilla**

**(ID 152088M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Lulju 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef, disgha mija u tmenin Euro u disgha u

erbghin centezmu (€4,980.49) rapprezentanti danni imhallsa mill-istess socjeta rikorrenti wara Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet **Jonathan Ellul vs Fogg Insurance Agencies Limited**, bir-rizultat ta' liema arbitragg is-socjeta rikorrenti, a tenur tal-Kap 104, hallset lill terzi in vista ta' polza ta' l-assikurazzjoni illi kienet tkopri il-vettura ta' l-intimat, ABL 234, minkejja illi fid-data ta' l-incident, l-intimat ma kellux licenzja valida tas-sewqan u ma kienx kopert bil-polza ta' l-assikurazzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fid 29 ta' Settembru 2014 fejn huwa cahad tali talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fis-seduta tad 29 ta' Settembru 2014 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

Rat illi fl-20 ta' Novembru 2014, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu ttransigew il-kawza u vverbalizzaw il-ftehim illi kienu lahqu.

Rat illi a tenur ta' tali ftehim, kif verbalizzat, l-intimat kienet qieghed jammetti li kellu jhallas l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti flimkien ma' l-ispejjez kollha u, bi ftehim mas-socjeta rikorrenti, gie miftiehem illi huwa jhallas is-somma kollha hekk dovuta minnu kif fuq deskritta permezz ta' pagamenti rateali ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar, minghajr interessi, b'dan illi jekk jonqos pagament wiehed, il-bilanc kollu jkun dovut minnufih flimkien ma' l-imghax fuq tali bilanc skond il-Ligi.

Rat illi l-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza abbazi ta' tali ftehim.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-konvenut jammetti illi d-debitu mitlub huwa dovut flimkien ma' l-ispejjez, issib li ghalhekk it-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disgha mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,980.49) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**L-ammont fuq indikat flimkien ma' l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut lis-socjeta rikorrenti permezz ta' pagamenti rateali ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar, minghajr interessi, b'dan illi jekk jonqos pagament wiehed, il-bilanc kollu jkun dovut minnufih flimkien ma' l-imghax fuq tali bilanc skond il-Ligi minghajr il-htiega ta' ebda interpellazzjoni gudizzjarja.**

**L-imghax ikun dovut, kif fuq spjegat, fuq il-bilanc f'kaz illi l-intimat jonqos pagament wiehed.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------